

A.D. 1920

# L-Antifona

## tagħlaq 126 sena

kitba ta' **Anton Camilleri**

Proprju din is-sena l-Antifona sabiħa li titkanta waqt il-funzjonijiet tal-Lunzjata tagħlaq 126 sena minn meta nstemgħet għall-ewwel darba fil-festa ta' l-1875. Il-kelma *antifona*, li ġejja mill-Grieg u tfisser "xi ħaġa li titkanta minn żewġ korijiet li jalternaw wara xulxin," hi dak il-versett ta' talb li jitkanta qabel u wara s-salm (f'xi funzjonijiet tal-knisja) skond il-festa li tkun.[1]

L-Antifona ta' Ħal Balzan bl-isem ta' *Spiritus Sanctus* ġiet komposta minn Antonio Nani. Hi ġiet esegwita waqt il-festa ta' l-1875 li kienet iċċelebrata fl-4 ta' April, għax il-25 ta' Marzu kien Ħamis ix-Xirka, u għaldaqstant saru ċelebrazzjonijiet marbuta ma' dik il-ġurnata.

F'dik is-sena, il-mużika tal-festa kienet immexxija minn Maestro Paolo Nani mgħejjun minn ibnu Antonio. Il-familja Nani servew ta' *Maestri di Cappella* fil-Parroċċa ta' Ħal Balzan mill-1872 sa l-1972.[2] Din l-Antifona llum tindaqq fl-aħħar Tridu, lejlet il-festa fit-Translazzjoni tar-Relikwa, u nhar il-festa fil-quddiesa solenni.[3]

A. Nani (1922)



L-Antifona ma kenitx l-unika biċċa xogħol ġdida għal dik is-sena. Ta' min isemmi, li ftit qabel li kienet iżżanżnet din l-Antifona, Antonio kien mexxa kunċert ta' mużika sagra fit-Teatru Manoel u fih instemgħu għall-ewwel darba r-Responsorie li ġew milqugħa tajjeb ħafna mill-udjenza preżenti.[4]

Il-familja Nani hi magħrufa sewwa fostna għall-mużika li kkomponiet, sew sagra kif ukoll profana. Kien Angelo Nani li ġie l-ewwel f'Malta, u stabbilixxa ruħu hawn fis-sena 1766. It-talenti mużikali tiegħu għaddihom lil ibnu Emmanuel, li twieled fl-1796. Fl-1814 twieled Paolo Nani, li jiġi t-tifel ta' ħu Emmanuel. Paolo studja Napli fejn għal xi żmien kien ukoll residenti, iżda bejn Lulju 1838 jew 1839, ġie joqgħod għal kollox f'Malta. Minn hawn bdiet ir-relazzjoni tiegħu mal-Parroċċa ta' Ħal Balzan, meta fl-1872 ġie maħtur ir-raba' *Maestro di Cappella*.

Antonio, it-tifel tiegħu, twieled fl-1842. Beda l-istudji tiegħu taħt missieru u wkoll taħt it-tmexxija ta' Patri Ġużeppi Spiteri Femond. Bħal missieru qatta' wkoll xi snin jistudja

*Spiritus Sanctus*
*In te de scendit Maria*
*Et Virtus altissimi*
*Obum brabit tibi*

f'Napli, minn fejn reġa' lura Malta fl-1877. Meta nstemgħet l-Antifona hu kien fuq waħda mill-mawriet tiegħu f'Malta, fejn kien jgħin lil missieru fid-direzzjoni ta' l-orkestra f'diversi okkażjonijiet. Wara l-mewt ta' missieru fl-1904, Antonio sar il-ħames *Maestro di Cappella* tal-parroċċa ta' Ħal Balzan, u dam sa l-1927. Hu miet fil-25 ta' Frar 1929 fil-għomor ta' 86 sena.[5]

Is-surmastrijiet Nani ħabbew lil Ħal Balzan, tant li barra li ħallew l-aħjar mużika biex tindaqq fil-festa ta' Marija Annunzjata, kellhom ukoll dar fil-misraħ tal-Knisja, fejn illum hemm il-Każin Nazzjonalista.[6]

## Riferenzi:-


1 The Oxford Dictionary of the Christian Church, p.66
2 Fede ed Azione, 14-04-1875, p.120
3 Programm tal-Festa Maria Annunziata, Każin San Gabriel - 1993, p.45
4 L'Ordine, 18-03-1875, p.3
5 L. Cuschieri, Is-Surmastrijiet Nani, Reġistru Pubbliku Valletta, 1990.
6 Programm tal-Festa Maria Annunzjata, Każin San Gabriel - 1993, p.47


"Anche fra noi la festa della Annunzione della B.V.M. si solennizzò con pompa insolita. Primi Vesperi, Mattutino, Messa solenne e secondi Vesperi venivano cantati dal Revmo Can. D. Licinio Micallef, già nostro amato Parroco, il quale fu gratissimo a questa dimostrazione di stima de' suoi antichi parrocchiani. Durante il Mattutino vi diceva messa letta Mons. Can. D. Salvatore Manduca Protonatario Apostolico, assistito dal Rev. Parroco Dr. D. Giuseppe Salnitro e da un altro prete. Vi recitava un'elaborata orazione panegirica il prelodato Rev. Parroco Salnitro, prendendo a dimostrare la gloria che dal *Fiat* di Maria proveniva alla SSma. Trinità la sublimità a cui la stessa Vergine Immacolata venne esaltata e il trionfo che ne derivò agli uomini concludendo con una fervorosa preghiera per i bisogni attuali della Chiesa e in ispecie del suo Capo angustiato. Le funzioni venivano accompagnate da scelta musica diretta dai due valenti maestri Nani, Dr Paolo padre e suo figlio Antonio. Il quale ultimo vi faceva eseguire una bellissima antifona da lui composta appositamente per l'occorrenza. Davasi fine alla devotissima festa colla processione seguita dalla Benedizione sagramentale. Una lode di cuore a tutti quelli i quali posero ogni studio perchè la festa riuscisse degua della solennità e della pietà di questo buon popolo - Vorremmo poi vedere imitato l'esempio di due signori del casale, due fratelli, i quali, perchè in un giorno così lieto non mancasse al povero il suo sostentamento, fecero distribuire ai miserelli una certa quantità di pane."

L-artiklu fil-Ġurnal Fede ed Azione ta' l-1875, li jiddeskrivi l-festa ta' dik is-sena.